MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 278/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander P.Miruzzi)**

**vs**

**Leonard Ciappara**

Kumpilazzjoni Numru: 278/2009

Illum, 03 ta’ Mejju, 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Leonard Ciappara, ta’ 26 sena, iben Francis Xavier u Natalie xebba Bonavia, imwieled Pieta’, fil-25 ta’ Novembru, 1982 u residenti fil-fond numru 3, Wagon Street, Rabat (Malta) u detentar tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 662382M

Akkuzat talli fid-9 ta’ Settembru, 2008, kif ukoll fil-granet ta’qabel din id-data fl-inhawi tar-Rabat – Malta gieghel annimal issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-artikoli 8(2) u 8(3) tal-Att 25 ta’ l-2001 dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Akuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi garr arma tan-nar u/jew munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (licenzja mhux rinnovata).

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet fil-licenzja tal-armi.

Il-Qorti, giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-arma in kwistjoni u s-sospensjoni tal-licenzji tal-arma ghall-zmien ta’ mhux inqas minn sena.

Rat l-artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 5(1) u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jgi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma pjuttost semplici. Ex admissis l-imputat qatel qattusa li kienet tkun f’l-ghelieqi qrib tar-residenza tieghu; huwa qatel din il-qattusa billi sparalha b’arma tan-nar.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat kellu licenzja ghal din l-arma tan-nar pero din il-licenzja kienet skadiet bi ftit ghaliex ma lahaqx geddiedha.

Illi ghalhekk jirrizultaw ampjament it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni l-imputat mhux qed jikkontesta l-fatt fih inniffsu u cioe l-qtil tal-qattusa pero jallega li l-Kapitolu 439 ma japplikax ghall-kaz in ezami; hu qed jibbaza d-difieza tieghu fuq l-artikolu 48 tal-Kapitolu 439 u l-fatt li ma ngabitx prova li l-qattusa maqtula kienet tappartjeni lil xi hadd u konsegwentement ghandha titqies bhala “annimal fi stat selvagg tieghu” ai fini ta’ dan l-imsemmi artikolu.

Illi jibda biex jinghad li din il-Qorti ma tikkondividiex din is-sottomissjoni. Qattusa ma tista’ qatt titqies bhala “annimal fi stat selvagg tieghu” ghaliex il-qtates huma razza ta’ annimali domestikati u konsegwentement il-Kapitolu 439 huwa applikabbli ghall-qtates kollha indipendentement appartjenux lil xi hadd jew jekk jiggerrewx barra.

Illi pero l-Qorti xorta mhiex sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ l-imputat giet pruvata fis-sens li l-fatti kif jirrizultaw, u cioe l-fatt li l-imputat qatel (billi spara lejn) qattusa ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat indikat f’din l-ewwel imputazzjoni imma jinkwadraw ruhhom f’reat ikkontemplat f’provvedimenti ohra tal-Kpitolu 439 u b’mod partikolari l-artikolu 13 tal-Kapitolu 439 li jipprojbixxi kemm il-qtiel ta’ annimali ta’ razza domestikata kif ukoll il-qtiel ta’ annimali li jappartjenu ghal razza selvagga.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati li taghhom qed jistab hati l-imputat u l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 5(1) u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tissospendi kwalunkwe licenzja li jista’ ghandu l-imputat, u tipprojbih milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja, taht dan il-

Kapitolu 480 ghal perjodu ta' sena; u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 56 ta'l-istess Kapitolu 480 il-Qorti qed tordna l-konfiska ta'l-arma u l-munizzjon sekwestrati mill-pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------